# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum id-19 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 213 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Nicola FARRUGIA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Lulju 2019 fil-konfront ta' Nicola FARRUGIA, karta tal-identità bin-numru 319260M li ġie mixli (in suċċint) li nhar il-11 ta' Marzu 2019 u fil-jiem preċedenti ġewwa l-Bajja ta' San Tumas Marsascala u f'dawn il-Gżejjer :

    (a) Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, je fixkel lil

xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma kew ħa ilma, jew b'xi mod ieħor, kontra l-Liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

(b) Għamel, ġiegħel jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lil detentur jew lil persona li toqgħod fil-qrib

(c) Ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu jkun jaf li ser jagħti fastidju lil Stephania Carabott u Carmel Magro.

2. Permezz tas-sentenza uffiċjali, iffirmata mill-Maġistrat li ppresjediet il-kawża aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-parti dispożittiva ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> Tilliberah mill-akkużi numri Tnejn (2), Tlieta (3) u ssibu ħati tal-akkuża numru Wieħed (1) u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni stante li tirriżulta u tordna lill-ħati jnehhi l-affarijiet kollha li jinsabu fil-passagg quddiem il-kamra tieghu u dik ta' Carmelo Magro sabiex u hu jivvaka minn fuq l-istess passagg u dan sabiex iħalli l-jedd ta' passagg bil-vettura lill-istess Mangion u Carabott sa zmien gimghatejn mil-lum.

3. Illi minn din is-sentenza Nicola FARRUGIA interpona appell permezz ta' rikors datat 23 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mit-tieni u t-tielet akkuża iżda tirrevokaha, tikkanċellaha u tħassarha fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża u ordnat li jneħħi l-affarijiet fi żmien ġimgħatejn mid-data tas-sentenza, u konsegwentement tilliberaħ mill-istess akkuża.

*Ikkunsidrat : -*

4. Illi matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell ġie osservat li l-parti dispożittiva tas-sentenza għalkemm fiha l-Qorti ssib li l-appellant ġie misjub ħati tar-reat imsemmi taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll jirriżulta li l-Qorti għażlet li tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali billi tagħat ordni lill-ħati sabiex ineħħi l-inkonvenjent, naqset milli teroga piena ai termini tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali skont kif meħtieġ minnha mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.[1]

5. L-ordni imsemmija taħt l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali hija ordni li tista' tingħata flimkien mal-piena li għandha tiġi inflitta minn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali fil-każ ta' sejbien ta' ħtija; iżda ma tistax tingħata waħedha, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, mingħajr ma l-Qorti tkun ukoll erogat il-piena li titnissel mill-artikolu li joħloq ir-reat jew l-artikolu li jippreskrivi l-piena għar-reat skont il-Liġi. Dan l-artikolu 377(3), a differenza tal-artikolu 383,[2] tal-Kodiċi Kriminali ma jippreskrivix il-possibilita li l-Qorti tagħmel din l-ordni **anke minflok** il-piena applikabbli għar-reat.

6. Il-ġurisprudenza patrija ma tippermettix li nuqqas formali u proċedurali ta' dan it-tip, li jista' jiġi invokat minn din il-Qorti *ex*

---

[1] L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk : -

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, **tagħti l-piena** u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

Enfażi miżjuda mill-Qorti.

[2] L-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk :-

> (1) Il-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdigħas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-pienaappllikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsutaħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti.

*officio,* jiġi sanat in kwantu jolqot waħda mill-aktar partijiet importanti fis-sentenza ta' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali u ċjoe d-dispożittiv tagħha u b'mod partikolari dak li huwa fil-qofol tal-Ġustizzja Kriminali mhux biss ai termini tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali iżda wkoll ai termini tal-artikolu 3(2) tal-Kodiċi Kriminali[3] u ċjoe l-erogazzjoni ta' piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

7. Illi dan mhux każ ta' xi dettal marġinali jew ċkejken li jista' jiġi rettifikat biex tiġi salvata s-sentenza taħt il-massima *ad salvandum actum consummatum capienda venit interpretatio omnis favorabilis.*

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***

[3] L-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk : -
(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.
(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta'ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.